A.L. 70 ta' l-1980

ORDINANZA TA' L-1961 DWAR IL-PULIZIJA TA' MALTA (ORDINANZA NRU. II TA' L-1961)

Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pulizija ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 ta' l-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta, il-Ministru ta' l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pulizija ta' Malta, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-regolamenti ta' l-1960 dwar il-Pulizija ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 14 ta' l-1960

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu (1) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "għoxrin ċenteżmu" u "ħmistax-il ċenteżmu" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin ċenteżmu" u "tletin ċenteżmu" rispettivament.